# Kont Waħdi

Kont waħdi
Meta l-kesħa mielħa tal-baħar
ħadet magħha l-passi
li ħallejt jien.

Bqajt miexja,
U mxejt sa tarf il-bajja
Imma bħal f'mera l-qamar urieni
Li bħal zokkor fin imraxxax fl-ilma jbaqbaq
Il-passi tiegħi għosfru fix-xejn.

Ħaffift il-pass,
u bħal tifel żgħir ġrejt fir-ramel b'ras iebsa.
Imma l-baħar, bħall-majjistral li jqaċċat il-petali tal-lellux frisk,
Isawwat il-medda dehbija
U jneżżagħha minn kull tiġrib.

Tlaqt mill-bajja, imma ma tlaqtx waħdi
Għax il-passi baqgħu miegħi.

***Suzanne Gatt***
(Studenta universitarja, it-2ni sena Malti)